SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba’ Awla)

21 ta’ Marzu 2013*

“Servizzi ta’ telekomunikazzjonijiet — Direttiva 2002/20/KE — Artikoli 3 u 12 sa 14 — Drittijiet ta’ użu ta’ frekwenzi tar-radju — Tariffi għad-drittijiet ta’ użu ta’ frekwenzi tar-radju — Tariffi uniċi għall-għoti u għat-tiġdid tad-drittijiet ta’ użu ta’ frekwenzi tar-radju — Metodu ta’ kalkolu — Tibdil ta’ drittijiet eżistenti”

Fil-Kawża C-375/11,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Cour constitutionnelle (il-Belġju), permezz ta’ deċiżjoni tas-16 ta’ Ġunju 2011, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-15 ta’ Lulju 2011, fil-proċedura

**Belgacom SA,**

**Mobistar SA,**

**KPN Group Belgium SA**

vs

**État belge**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba’ Awla),

komposta minn L. Bay Larsen, li qed jaġixxi bħala President tar-Raba’ Awla, J.-C. Bonichot, C. Toader, A. Prechal u E. Jarašiūnas (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: N. Jääskinen,

Reġistratur: R. Şereş, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-11 ta’ Ġunju 2012,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Belgacom SA, minn N. Cahen u I. Mathy, avukati,

— għal Mobistar SA, minn V. Vanden Acker, avukat,

— għal KPN Group Belgium SA, minn A. Verheyden u K. Stas, avukati,

— għall-Gvern Belġjan, minn T. Materne u M. Jacobs, bħala aġenti, assistiti minn D. Lagasse, avukat,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

— għall-Gvern Ċiprijott, minn D. Kalli, bħala aġent,

— għall-Gvern Litwan, minn D. Kriaučiūnas u A. Svinkūnaitė, bħala aġenti,

— għall-Gvern Olandiż, minn C. Wissels u C. Schillemans, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn C. Vrignon, L. Nicolae u G. Braun, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2012,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tikkonċerna l-interpretazzjoni tal-Artikoli 3 u 12 sa 14 tad-Direttiva 2002/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Marzu 2002, dwar l-awtorizzazzjoni ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva ta' Awtorizzazzjoni) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol 29, p. 337).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn, minn naħa, Belgacom SA (iktar 'il quddiem "Belgacom"), Mobistar SA (iktar 'il quddiem "Mobistar") u KPN Group Belgium SA (iktar 'il quddiem "KPN Group Belgium") u, min-naħa l-oħra, l-État belge, dwar il-konformità tat-tariffi dovuti minn dawn l-operaturi tat-telefonija mobbli skont l-Artikoli 2 u 3 tal-Liġi tal-15 ta' Marzu 2010 (*Moniteur belge* tal-25 ta' Marzu 2010, p. 18849, iktar 'il quddiem il-"Liġi tal-15 ta' Marzu 2010"), li temenda l-Artikolu 30 tal-Liġi tat-13 ta' Ġunju 2005 dwar il-komunikazzjonijiet elettroniċi (*Moniteur belge* tal-20 ta' Ġunju 2005, p. 28070, iktar 'il quddiem il-"Liġi tat-13 ta' Ġunju 2005"), mas-sistema ta' tariffi prevista mid-Direttiva ta' Awtorizzazzjoni.

### Il-kuntest ġuridiku

#### *Id-dritt tal-Unjoni*

3 Fl-Artikolu 8 tagħha, intitolat "Miri politiċi u prinċipji regolatorji", id-Direttiva 2002/21 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Marzu 2002, dwar kwadru [qafas] regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Kwadru [Qafas]) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol 29, p. 349, iktar 'il quddiem id-"Direttiva Qafas"), tipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li fit-twettieq tax-xogħlijiet regolatorji speċifikati f'din id-Direttiva u fid-Direttivi Speċifiċi, l-awtoritajiet nazzjonali regolatorji jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa li huma mmirati lejn il-ksib tal-miri stipulati fil-paragrafi 2, 3 u 4. Dawk il-miżuri għandhom ikunu proporzjonati ma' dawk il-miri.

L-Istati Membri għandhom jassiġuarw li fit-twettieq tax-xogħlijiet regolatorji stipulati f'din id-Direttiva u fid-Direttivi Speċifiċi, l-awtoritajiet nazzjonali regolatorji jagħtu l-aktar kont tax-xewqa li jingħamlu regolamenti teknikament newtrali.

[…]

2. L-awtoritajiet nazzjonali regolatorji għandhom jippromwovu l-kompetizzjoni fil-provista tan-*networks* ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u faċilitajiet assoċjati u servizzi billi fost ħwejjeġ oħra:

[...]

(b) jassiguraw li ma jkun hemm ebda tgħawwiġ jew restrizzjoni fil-kompetizzjoni fis-setttur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi;

(ċ) jinkoraġġixxu l-investiment effiċjenti fl-infrastruttura, u jippromwovu l-inovazzjoni; u

(d) jinkoraġġixxu l-użu effiċjenti u jassiguraw l-amministrazzjoni effettiva tal-frekwenzi tar-radju u r-riżorsi tan-numerazzjoni."

4 Il-premessi 32 u 33 tad-Direttiva ta' Awtorizzazzjoni jipprovdu li:

"(32) Minbarra l-ħlasijiet amministrattivi, tariffi għall-użu jistgħu jiġu imposti fuq l-użu ta' frekwenzi tar-radju u numri bħala strument li jiżgura l-aħjar użu ta' dawn ir-riżorsi. Dawk it-tariffi m'għandhomx ifixklu l-iżvilupp ta' servizzi innovattivi u l-kompetizzjoni fis-suq. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għall-għan li għalih it-tariffi għad-drittijiet ta' użu jintużaw. Dawk it-tariffi jistgħu per eżempju jintużaw biex jiffinanzjaw attivitajiet ta' l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali li ma jistgħux jiġu koperti bil-ħlasijiet amministrattivi. Fejn, fil-każ ta' proċeduri ta' għażla kompetittivi jew komparattivi, tariffi għad-drittijiet ta' użu ta' frekwenzi tar-radu jikkonsistu kollha kemm huma jew parzjalment f' ammont ta' darba biss, l-arranġamenti tal-ħlas għandhom jiżguraw li dawk it-tariffi fil-prattika ma jwasslux għal għażla fuq il-bażi ta' kriterji li m'humiex relatati mal-mira li jiġi żgurat l-aħjar użu tal-frekwenzi tar-radju. Il-Kummissjoni tista' tippublika fuq bażi regolari studji komparattivi fir-rigward ta' l-aħjar prattiċi għall-assenjament tal-frekwenzi tar-radju, l-assenjament ta' numri jew l-għoti ta' drittijiet ta' passaġġ.

(33) L-Istati Membri jistgħu jkunu meħtieġa li jemendaw id-drittijiet, kondizzjonijiet, proċeduri, ħlasijiet u tariffi li jirrelataw ma' l-awtorizzazzjonijiet ġenerali u d-drittijiet ta' użu fejn dan ikun oġġettivament ġustifikat. Dak it-tibdil għandu jiġi debitament notifikat lill-partijiet kollha interessati fi żmien biżżejjed, li jagħtihom opportunità adegwata li jagħtu l-opinjoni tagħhom dwar kull emenda bħal dawk."

5 Fil-paragrafi 1 u 2 tiegħu, l-Artikolu 3 tad-Direttiva ta' Awtorizzazzjoni, intitolat "Awtorizzazzjoni ġenerali ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi", jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom jassiguraw il-libertà ta' forniment ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, bla ħsara għall-kondizzjonijiet stipulati f'din id-Direttiva. Għal dan il-għan, l-Istati Membri m'għandhomx jipprevjenu impriża milli tforni networks jew servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, ħlief fejn dan ikun meħtieġ għar-raġunijiet stipulati f'Artikolu 46(1) tat-Trattat.

2. Il-forniment ta' networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew il-forniment ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jista', mingħajr preġudizzju għall-obbligi speċifiċi msemmija f'Artikolu 6(2) jew għad-drittijiet ta' użu msemmija f'Artikolu 5, biss ikun suġġett għal awtorizzazzjoni ġenerali. [...]"

6 L-Artikolu 12 tad-Direttiva ta' Awtorizzazzjoni, intitolat "Ħlasijiet amministrattivi", jipprovdi:

"1. Kull ħlas amministrattiv impost fuq impriżi li jfornu servizz jew network taħt l-awtorizzazzjoni ġenerali jew li lilhom ikun ingħata dritt ta' użu, għandu:

(a) fit-total, ikopri biss l-ispejjeż amministrattivi magħmula fl-amministrazzjoni, kontroll u infurzar ta' l-iskema ta' l-awtorizzazzjoni ġenerali u tad-drittijiet ta' użu u l-obbligi speċifiċi kif imsemmija f'Artikolu 6(2), li jistgħu jinkludu spejjeż għall-kooperazzjoni internazzjonali, armonizzazzjoni u standardizzazzjoni, analiżi tas-suq, solveljanza tal-konformità u kontrolli oħra tas-suq, kif ukoll ħidma regolatorja li tinvolvi l-preparazzjoni u l-infurzar ta' leġislazzjoni sekondarja u deċiżjonijiet amministrattivi, bħal deċiżjonijiet dwar l-aċċess u l-interkonnessjoni; u

(b) jiġi mpost fuq impriżi ndividwali b'mod oġġettiv, trasparenti u proporzjonat li jimminimizza spejjeż amministrattivi addizzjonali u l-ħlasijiet li jġibu magħhom.

2. Fejn l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jimponu ħlasijiet amministrattivi, għandhom jippublikaw rapport ta' kull sena ta' l-ispejjeż amministrattivi tagħhom u tas-somma totali ta' ħlasijiet miġbura. Fid-dawl tad-differenza bejn is-somma totali tal-ħlasijiet u l-ispejjeż amministrattivi, għandhom isiru l-aġġustamenti xierqa."

7 L-Artikolu 13 tal-istess direttiva, intitolat "Tariffi għad-drittijiet ta' użu u drittijiet għall-installazzjoni ta' faċilitajiet", jipprovdi:

"L-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-awtorità relevanti li timponi tariffi għad-drittijiet ta' użu għall-frekwenzi tar-radju jew numri jew drittijiet li jiġu stallati faċilitajiet fi, minfuq jew taħt proprjetà pubblika jew privata li jirriflettu l-ħtieġa li jiġi żgurat l-aqwa użu ta' dawn ir-riżorsi. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk it-tariffi għandhom ikunu oġġettivament ġustifikati, trasparenti, mhux diskriminatorji u proporzjonati b'relazzjoni ma' l-iskop maħsub tagħhom u għandhom jieħdu kont tal-miri f'Artikolu 8 tad-Direttiva 2002/21/KE (Direttiva [Qafas])."

8 L-Artikolu 14 tad-Direttiva ta' Awtorizzazzjoni, intitolat "Emenda tad-drittijiet u obbligi", jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-drittijiet, kondizzjonijiet u proċeduri li jikkonċernaw awtorizzazzjonijiet ġenerali u drittijiet ta' użu jew drittijiet għall-installazzjoni ta' faċilitajiet jistgħu jiġu emendati biss f'każijiet oġġettivament ġustifikati u b'mod proporzjonat. Avviż għandu jingħata b'mod xieraq ta' l-intenzjoni li jsiru emendi bħal dawk u l-partijiet interessati, nklużi l-utenti u l-konsumaturi, għandu jingħatalhom perjodu ta' żmien biżżejjed biex jesprimu l-opnjoni tagħhom dwar l-eme[n]di proposti, li m'għandux ikun ta' anqas minn erba' gimgħat ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali.

2. L-Istati Membri m'għandhomx jirrestrinġu jew jirtiraw drittijiet għall-installazzjoni ta' faċilitajiet qabel ma jiskadi l-perjodu li għalih kienu ngħataw ħlief fejn ġustifikat u fejn applikabbli b'konformità mad-dispożizzjonijiet nazzjonali relevanti li jirrigwardaw kumpens għall-irtirar ta' drittijiet."

9 Il-parti B tal-Anness tad-Direttiva ta' Awtorizzazzjoni tipprovdi:

"Kondizzjonijiet li jistgħu jiġu stipulati ma' drittijiet ta' użu għall-frekwenzi tar-radju

[…]

6. It-tariffi għall-użu skond Artikolu 13 ta' din id-Direttiva.

[...]"

10 L-Artikolu 14 tad-Direttiva ta' Awtorizzazzjoni kif emendat bid-Direttiva 2009/140/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Novembru 2009 (ĠU L 337, p. 37), jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-drittijiet, il-kondizzjonijiet u l-proċeduri li jikkonċernaw l-awtorizzazzjonijiet ġenerali u d-drittijet għall-użu jew id-drittijiet li jkunu installati l-faċilitajiet jistgħu jkunu emendati biss fil-każi li jkunu oġġettivament ġustifikati u b'mod proporzjonat, b'kont meħud, fejn adatt, tal-kondizzjonijiet speċifiċi li japplikaw għad-drittijiet trasferibbli ta' użu ta' frekwenzi tar-radju. Ħlief fejn l-emendi proposti huma minuri u ntlaħaq qbil dwarhom mad-detentur tad-drittijiet jew l-awtorizzazzjoni ġenerali, għandu jingħata avviż b'mod adatt tal-intenzjoni li se jsiru dawn l-emendi u l-partijiet konċernati, inklużi l-utenti u l-konsumaturi, għandu jingħatalhom perijodu biżżejjed ta' żmien biex jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar l-emendi proposti, li dan m'għandux ikun inqas minn erba' xhur ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali.

2. L-Istati Membri m'għandhomx jillimitaw jew jirtiraw id-drittijiet li jkunu installati l-faċilitajiet jew id-drittijiet għall-użu tal-frekwenzi tar-radju qabel ma jagħlaq il-perijodu li għalih huma kienu ngħataw ħlief meta dan ikun iġġustifikat u jkun applikabbli b'konformità mal-Anness u mad-dispożizzjonijiet nazzjonali rilevanti dwar il-kumpens għall-irtirar tad-drittijiet."

11 L-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2009/140 jipprovdi:

"L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw sal- 25 ta' Mejju 2011 il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għall-konformità ma' din id-Direttiva. Huma għandhom minnufih jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' tali dispożizzjonijiet."

Huma għandhom japplikaw dawk il-miżuri mis- 26 ta' Mejju 2011.

[...]."

*Id-dritt Belġjan*

12 L-Artikolu 30 tal-Liġi tat-13 ta' Ġunju 2005 kien jipprovdi li:

"1. Id-drittijiet ta' użu msemmija fl-Artikoli 11 [drittijiet ta' użu ta' numri] u 18 [drittijiet ta' użu ta' frekwenzi tar-radju] jistgħu jkunu suġġetti għal tariffi sabiex jiġi ggarantit l-aħjar użu possibbli ta' dawn ir-riżorsi. It-tariffi għandhom jinġabru mill-[Institut belge des services postaux et des télécommunications (l-Istitut Belġjan tas-servizzi postali u tat-telekomunikazzjonijiet), iktar 'il quddiem l-'IBPT'].

2. Ir-Re għandu jistabbilixxi, fuq l-opinjoni tal-[IBPT], l-ammont u l-modalitajiet tat-tariffi msemmija fil-paragrafu 1."

13 L-Artikolu 2 tal-Liġi tal-15 ta' Marzu 2010 jipprovdi:

"L-Artikolu 30 tal-Liġi tat-13 ta' Ġunju 2005 [...], għandu jiġi emendat skont kif ġej:1. Bejn il-paragrafi 1 u 2, għandhom jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin 1/1, 1/2, 1/3 u 1/4.

'1/1. Għall-finijiet indikati fil-paragrafu 1, l-operaturi mogħtija drittijiet ta' użu tal-frekwenzi tar-radju sabiex iħaddmu network u sabiex jipprovdu servizzi ta' telekomunikazzjonijiet elettroniċi mobbli lill-pubbliku għandhom iħallsu, fil-bidu tal-perijodu ta' validità tad-drittijiet ta' użu, tariffa unika.

It-tariffa unika għandha tiġi stabbilita meta jiġu assenjati l-frekwenzi.

It-tariffa unika għandha tkun:

1. EUR 51 644 għal kull MHz fix-xahar għall-faxex ta' frekwenzi 880-915 MHz u 925-960 MHz. Il-kisba ta' drittijiet ta' użu għall-faxex ta' frekwenzi 880-915 MHz u 925-960 MHz timplika wkoll il-kisba ta' drittijiet ta' użu għall-faxex ta' frekwenzi 1710-1785 u 1805-1880 MHz: il-kwantità tal-ispektrum attribwit fil-faxex 1710-1785 u 1805-1880 MHz hija daqs id-doppju tal-kwantità ta' spektrum attribwit fil-faxex 880-915 MHz u 925-960 MHz, b'arrotondament għall-fattur ta' 5 MHz superjuri. B'deroga minn dak li għadu kemm intqal, sas-26 ta' Novembru 2015, it-tariffa unika għall-kwantità ta' spektrum attribwit fl-1 ta' Jannar 2010 fil-kaxex 880-915 MHz u 925-960 MHz, hija valida wkoll għall-kwantità ta' spektrum massimu li seta' jiġi attribwit fl-1 ta' Jannar 2010 fil-faxex 1710-1785 u 1805-1880 MHz;

2. EUR 20 833 għal kull MHz fix-xahar għall-faxex ta' frekwenzi 1920-1980 MHz u 2110-2170 MHz, ħlief fil-każ li l-kwantità totali ta' spektrum miżmum mill-operatur f'dawn il-faxex ta' frekwenzi ma taqbiżx 2 x 5 MHz. F'dan il-każ tal-aħħar, it-tariffa unika tammonta għal EUR 32 000 għal kull MHz fix-xahar;

3. EUR 2 778 għal kull MHz fix-xahar għall-faxxa ta' frekwenzi 2500-2690 MHz.

Meta l-frekwenzi jiġu assenjati permezz ta' rkant, l-ammont minimu tat-tariffa unika msemmija f'dan il-paragrafu għandu jkun l-ewwel offerta tal-applikanti.

1/2. L-operaturi għandhom iħallsu tariffa unika għal kull perijodu ta' tiġdid ta' awtorizzazzjoni

L-ammont tat-tariffa unika għandu jikkorrispondi mat-tariffa unika msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1/1.

Fil-kalkolu tal-ammont tat-tariffa unika, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni d-drittijiet ta' użu partikolari li l-operatur ikun jixtieq iżomm wara t-tiġdid.

Jekk operatur ikun jixtieq jabbanduna l-ispektrum, dan għandu jkun fi blokka kontinwa.

1/3. Il-ħlas tat-tariffa unika għandu jsir, skont il-każ, fil-ħmistax-il jum wara l-bidu tal-perijodu ta' validità msemmi fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1/1 u fil-ħmistax-il jum wara l-bidu tal-perijodu ta' tiġdid imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1/2.

B'deroga mis-subparagrafu preċedenti, l-operatur għandu l-possibbiltà li jwettaq il-ħlas kif ġej:

a) l-operatur iħallas *pro rata* skont in-numru ta' xhur li jkun fadal sas-sena kalendarja ta' wara, skont il-każ, fil-ħmistax-il jum wara l-bidu tal-perijodu ta' validità msemmi fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1/1 u fil-ħmistax-il jum wara l-bidu tal-perijodu ta' tiġdid imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1/2;

b) barra minn hekk, l-operatur iħallas sa mhux iktar tard mill-15 ta' Diċembru t-totalità tat-tariffa unika għas-sena li jmiss. Jekk l-awtorizzazzjoni tiskadi matul is-sena li jmiss, l-operatur iħallas *pro rata* skont in-numru ta' xhur li jkun fadal sal-iskadenza tad-drittijiet ta' użu;

c) ir-rata ta' interessi legali, ikkalkolata skont l-Artikolu 2(1) tal-Liġi tal-5 ta' Mejju 1865 dwar is-self bl-interessi, tapplika minn, skont il-każ, is-sittax-il jum wara l-bidu tal-perijodu ta' validità msemmi fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1/1 jew mis-sittax-il jum wara l-bidu tal-perijodu ta' tiġdid imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1/2;

d) fl-istess ħin mal-ħlas tat-tariffa unika, l-operatur iħallas l-interessi fuq l-ammont li jkun għadu dovut.

L-operatur għandu jinforma lill-[IBPT] dwar l-għażla tiegħu fil-jumejn ta' xogħol wara, skont il-każ, il-bidu tal-perijodu ta' validità msemmi fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1/1, u l-bidu tal-perijodu ta' tiġdid imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1/2.

It-tariffa unika qatt ma għandha tiġi rrimborsata, *in toto* jew *in parte*.

1/4. Jekk operatur ma jħallas it-tariffa unika *in toto* jew *in parte* għall-faxex ta' frekwenzi rispettivi kif stipulat fil-punti 1, 2 jew 3 tal-paragrafu 1/1, id-drittijiet ta' użu kollha għall-faxex ta' frekwenzi rispettivi għandhom jiġu rtirati.2. Il-paragrafu 2 għandu jiġi kkompletat bil-kliem 'ħlief għal dak li huwa stipulat fil-paragrafi 1/1, 1/2 u 1/3.'"

14 L-Artikolu 3 tal-Liġi tal-15 ta' Marzu 2010 jipprovdi:

"Bħala miżura tranżitorja, jekk it-terminu għar-rifjut tat-tiġdid taċitu ta' awtorizzazzjoni jkun diġà skada meta din il-liġi tidħol fis-seħħ, l-operaturi jistgħu xorta waħda jirrifjutaw li jġeddu d-drittijiet ta' użu tagħhom sal-ewwel jum tal-perijodu ġdid estiż tad-drittijiet ta' użu, mingħajr ma jkunu meħtieġa jħallsu t-tariffa unika li tirrigwarda dak il-perijodu ġdid."

15 L-Artikolu 4 tal-Liġi tal-15 ta' Marzu 2010 jipprovdi:

"Din il-liġi għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Moniteur belge* [*Moniteur belge* tal-25 ta' Marzu 2010, p. 18849]."

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

16 Belgacom, Mobistar u KPN Group Belgium huma operaturi ta' networks tat-telefonija mobbli li ngħataw diversi awtorizzazzjonijiet għal drittijiet ta' użu tal-frekwenzi tar-radju 900 MHz, 1800 MHz u 2000 sa 2600 MHz fil-Belġju.

17 Il-Liġi tat-12 ta' Diċembru 1994 (*Moniteur belge* tat-22 ta' Diċembru 1994, p. 31624) illiberalizzat is-settur tat-telefonija mobbli fil-Belġju billi ppermettiet lill-Kunsill tal-Ministri jagħti lil operaturi oħra minbarra lill-ex operatur pubbliku awtorizzazzjonijiet individwali għall-provvista ta' servizzi tat-telefonija mobbli fil-faxxa ta' frekwenza 900 MHz għal perijodu ta' ħmistax-il sena mid-data tal-għoti tagħhom.

18 Fis-27 ta' Novembru 1995, il-Kunsill tal-Ministri ta awtorizzazzjoni lil Mobistar, filwaqt li, fit-2 ta' Lulju 1996, Belgacom Mobile irċeviet awtorizzazzjoni, b'effett retorattiv mit-8 ta' April 1995, sabiex tisfrutta network għall-kanali 900 MHz li kienet diġà qiegħda tuża bis-saħħa ta' kuntratt ta' sfruttament mal-État belge. Bħala korrispettiv, kull wieħed minn dawn iż-żewġ operaturi kellu jħallas tariffa unika inizjali ta' madwar BEF 9 biljuni (jiġifieri EUR 223 104 172.30) u kellu jħallas ukoll tariffi annwali lill-IBPT fir-rigward tal-użu tal-frekwenzi tar-radju.

19 Fl-1997, il-Gvern Belġjan iddeċieda li jiftaħ il-faxxa DCS 1800 MHz għall-isfruttament sabiex isiru preparamenti għad-dħul tat-tielet operatur, jekk mhux ukoll tar-raba' operatur, fis-suq. Id-Digriet Irjali tal-24 ta' Ottubru 1997, dwar l-istabbiliment u l-isfruttament ta' networks tat-telefonija mobbli DCS-1800, stabbilixxa l-proċedura għall-kisba ta' awtorizzazzjoni għall-istabbiliment u l-isfruttament ta' network tat-telefonija mobbli DCS-1800 filwaqt li pprovda li tali awtorizzazzjoni kellha tkun valida għal perijodu ta' ħmistax-il sena mid-data tal-ħruġ tal-awtorizzazzjoni ta' sfruttament.

Fit-2 ta' Lulju 1998, KPN Group Belgium (li kienet KPN Orange SA u mbagħad BASE SA) kisbet awtorizzazzjoni fil-faxxa 1800 MHz, bil-ħlas ta' tariffa unika inizjali ta' BEF 8.005 biljuni (jiġifieri EUR 198 438 766.50) u bil-ħlas ta' tariffi annwali għall-użu tal-frekwenzi bħala korrispettiv.

20 Minħabba l-inkonvenjenzi marbuta mal-użu tal-frekwenzi 1800 MHz meta mqabbla mal-frekwenzi 900 MHz, b'mod partikolari minħabba l-fatt li l-installazzjonijiet tat-trażmissjoni kellhom portata iktar limitata, b'tali mod li kienet meħtieġa l-installazzjoni ta' numru ikbar ta' siti ta' antenni sabiex tintlaħaq l-istess kopertura, l-IBPT iddeċieda, fl-2003, li jagħti lil KPN Group Belgium ċerti kanali 900 MHz u, bi skambju, li jagħti wkoll ċerti kanali 1800 MHz lil Belgacom u lil Mobistar. Għaldaqstant, mill-2003, KPN Group Belgium ibbenefikat mill-għoti ta' frekwenzi 900 MHz supplimentari, filwaqt li bħala kumpens Belgacom u Mobistar ingħataw frekwenzi fil-faxxa 1800 MHz. Il-bilanċ fin-numru ta' kanali li ġew attribwiti b'dan il-mod lil kull wieħed mit-tliet operaturi kellu jservi sal-2015.

21 Id-Digriet Irjali tat-18 ta' Jannar 2001 implementa l-proċedura għall-għoti ta' awtorizzazzjonijiet fir-rigward tas-sistemi tat-tielet ġenerazzjoni UMTS li jużaw il-faxex ta' frekwenzi bejn 1885-2025 MHz u 2110-2200 MHz. Belgacom, Mobistar u KPN Group Belgium ippreżentaw l-applikazzjonijiet tagħhom u kisbu awtorizzazzjoni għall-isfruttament ta' dawn is-sistemi, fejn bħala korrispettiv kull wieħed minn dawn l-operaturi kellu jħallas tariffa unika inizjali ta' EUR 150 miljuni għal perijodu ta' għoxrin sena, li seta' jiġi estiż permezz ta' digriet irjali għal perijodi ta' ħames snin.

22 Fil-mument tal-għoti ta' kull waħda minn dawn l-awtorizzazzjonijiet, Belgacom, Mobistar u KPN Group Belgium intrabtu li jħallsu bħala korrispettiv:

— tariffa unika inizjali;

— tariffa annwali għat-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-frekwenzi, u

— tariffa annwali għall-amministrazzjoni tal-awtorizzazzjonijiet.

23 Permezz ta' deċiżjoni tal-25 ta' Novembru 2008, l-IBPT irrinunzja għat-tiġdid taċitu tal-awtorizzazzjonijiet għall-użu tal-frekwenzi tar-radju (2G) mogħtija lit-tliet operaturi Belgacom, Mobistar u KPN Group Belgium, bil-għan li tiġi imposta tariffa ġdida u li tiġi implementata politika għal dan l-ispektrum li tkun l-iktar effiċjenti possibbli.

24 Belgacom, Mobistar u KPN Group Belgium ikkontestaw din id-deċiżjoni quddiem il-Cour d'appell de Bruxelles (Qorti tal-appell ta' Brussell), li annullat din id-deċiżjoni permezz ta' sentenzi tal-20 ta' Lulju 2009, fir-rigward ta' Belgacom, u tat-22 ta' Settembru 2009, fir-rigward ta' Mobistar. Wara dawn is-sentenzi, l-IBPT iddeċieda li jirtira d-deċiżjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2008 applikabbli għal KPN Group Belgium sabiex jiżgura trattament identiku għat-tliet operaturi.

25 Wara dawn is-sentenzi tal-Cour d'appell de Bruxelles, il-leġiżlatur Belġjan, fil-15 ta' Marzu 2010, adotta l-Liġi li temenda l-Artikolu 30 tal-Liġi tat-13 ta' Ġunju 2005. Kif jirriżulta mill-Artikoli 2 u 3 tal-Liġi tal-15 ta' Marzu 2010, iċċitati fil-punti 13 u 14 ta' din is-sentenza, din il-liġi tipprevedi:

— tariffa unika li tissostitwixxi dik li qabel kienet it-tariffa unika inizjali għall-operaturi tat-telefonija mobbli sabiex jiġi ggarantit l-aħjar użu possibbli tal-frewkenzi tar-radju u li ma hijiex dovuta biss fil-mument tal-għoti tal-awtorizzazzjonijiet tad-drittijiet ta' użu tal-frekwenzi tar-radju iżda wkoll ma' kull tiġdid tal-awtorizzazzjoni eżistenti;

— ammont ta' tariffa unika li jvarja skont il-frekwenza tar-radju kkonċernata u li huwa kkalkolat fuq il-bażi tat-tariffa unika inizjali mħallsa mill-operaturi meta kienu rċevew l-awtorizzazzjoni tagħhom għall-ewwel darba, kemm jekk bi proċedura kompetittiva jew b'irkant;

— il-possibbiltà għall-operaturi tat-telefonija mobbli li jirrinunzjaw għad-drittijiet ta' użu tagħhom qabel jibda l-perijodu ta' validità tad-drittijiet ta' użu tagħhom mingħajr ma jkunu obbligati jħallsu t-tariffa unika marbuta mad-drittijiet li għalihom ikunu rrinunzjaw;

— minbarra t-tariffa unika, l-obbligu għall-operaturi li jkollhom awtorizzazzjoni sabiex iħallsu kull sena żewġ tariffi, jiġifieri, tariffa intiża sabiex tkopri l-ispejjeż marbuta mat-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-frekwenzi u tariffa maħsuba sabiex tkopri l-ispejjeż marbuta mal-amministrazzjoni tal-awtorizzazzjoni.

26 Belgacom, Mobistar u KPN Group Belgium fetħu kawżi quddiem il-Cour constitutionnelle (Qorti kostituzzjonali) fejn talbu l-annullament tal-Artikoli 2 u 3 tal-Liġi tal-15 ta' Mejju 2010. Insostenn tat-talbiet tagħhom, huma jsostnu b'mod partikolari li dawn id-dispożizzjonijiet huma kuntrarji għall-Artikoli 3 u 12 sa 14 tad-Direttiva ta' Awtorizzazzjoni. B'mod iktar preċiż, huma jikkontestaw l-fatt li t-tariffa unika ma hijiex dovuta biss mal-għoti tal-awtorizzazzjoni iżda wkoll mat-tiġdid tagħha u li din it-tariffa hija supplimentari għat-tariffa għat-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-frekwenzi li huma jħallsu kull sena. Belgacom, Mobistar u KPN Group Belgium jikkontestaw ukoll l-ammont u l-modalitajiet tal-kalkolu tat-tariffa unika, sa fejn din ma tiġix ikkalkolata skont il-valur ekonomiku tal-frekwenzi iżda skont il-valur tas-suq għall-operaturi.

27 Il-qorti tar-rinviju tindika li, mix-xogħlijiet preparatorji tal-Liġi tal-15 ta' Marzu 2010 jirriżulta li t-tariffa unika tikkostitwixxi korrispettiv għall-użu tal-frekwenzi u għandha għan identiku għal dak tat-tariffi annwali għat-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-frekwenzi, mingħajr ma tissostitwixxi l-ħlas ta' dawn tal-aħħar. Hija tindika li minn dawn ix-xogħlijiet preparatorji jirriżulta wkoll li l-leġiżlatur ikkunsidra li l-Artikoli 2 u 3 tal-Liġi tal-15 ta' Marzu 2010, li l-validità tagħhom qiegħda tiġi kkontestata quddiem il-qorti tar-rinviju, huma konformi mad-Direttiva ta' Awtorizzazzjoni sa fejn jipprevedu separazzjoni tal-korrispettivi dovuti fir-rigward tad-drittijiet ta' użu f'parti unika u f'parti annwali. Fil-fatt, it-tariffa unika tkopri d-dritt ta' użu tal-frekwenzi u tikkorrispondi għall-valur tal-ispektrum li huwa riżorsa skarsa, filwaqt li t-tariffa annwali tkopri l-ispejjeż marbuta mal-użu tal-frekwenzi, jiġifieri l-kontroll, il-koordinazzjoni, l-eżami u l-attivitajiet l-oħra tal-awtorità kompetenti.

28 Kien f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Cour constitutionnelle iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1. L-Artikoli 3, 12 u 13, kif attwalment applikabbli, tad-[Direttiva ta' Awtorizzazzjoni], jippermettu lill-Istati Membri jimponu fuq operaturi fil-pussess ta' drittijiet individwali għall-użu ta' frekwenzi tat-telefonija mobbli għal perijodu ta' ħmistax-il sena, fil-kuntest tal-awtorizzazzjoni biex jimplementaw u jħaddmu fit-territorju tagħhom networks tat-telefonija mobbli, maħruġa taħt il-qafas legali preċedenti, tariffa unika għat-tiġdid tad-drittijiet individwali tagħhom għall-użu ta' frekwenzi li l-ammont tagħha, [fir-rigward tan]-numru ta' frekwenzi u tax-xhur li fuqhom huma bbażati d-drittijiet għall-użu, tiġi kkalkolata [jiġi kkalkolat] fuq il-bażi ta[t-tariffa unika inizjali] preċedenti li kienet [marbuta] mal-ħruġ tal-awtorizzazzjoni[jiet i]msemmija iktar 'il fuq, [meta] din it-tariffa unika tkun komplementari, [kemm] għal tariffa annwali [għat-]tqegħid għad-dispożizzjoni tal-frekwenzi intiża qabel kollox biex tkopri l-ispejjeż tat-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-frekwenzi filwaqt li [fl-istess ħin tirrifletti] parzjalment [il-valur tal-frekwenzi w]koll, [meta ]ż-żewġ tariffi għandhom l-għan li jippromwovu l-aħjar użu tal-frekwenzi, u [kif ukoll għal] tariffa li tkopri l-ispejjeż ta' ġestjoni tal-awtorizzazzjoni?

2. L-Artikoli 3, 12 u 13 tal-istess Direttiva [ta' A]wtorizzazzjoni jippermettu lill-Istati Membri jimponu, fuq operaturi applikanti għal drittijiet ġodda [ta' ]użu ta' frekwenzi tat-telefonija mobbli, li jħallsu tariffa unika li l-ammont tagħha jiġi ddeterminat bl-irkant fl-assenjazzjoni tal-frekwenzi, sabiex [joħroġ il-valur tal-frekwenzi], [meta] t-tariffa unika tkun komplementari, [kemm] għal tariffa annwali [għat-]tqegħid għad-dispożizzjoni tal-frekwenzi (intiża qabel kollox biex tkopri l-ispejjeż tat-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-frekwenzi filwaqt li [fl-istess ħin tirrifletti] parzjalment

[il-valur tal-frekwenzi w]koll, [meta ]ż-żewġ tariffi għandhom l-għan li jippromwovu l-aħjar użu tal-frekwenzi), u [kif ukoll] tariffa annwali [għall-]ġestjoni tal-awtorizzazzjonijiet [sabiex jiġu ] implimenta[ti] u [jitħaddmu] network[s] ta' telefonija mobbli, maħruġa taħt il-qafas legali preċedenti?

3. L-Artikolu 14(2) tad-Direttiva [ta' Awtorizzazzjoni] jawtorizza lil Stat Membru jimponi fuq operaturi tat-telefonija mobbli, għal[l-]perijodu ta' tiġdid ulterjuri tad-drittijiet individwali tagħhom għall-użu ta' frekwenzi ta' telefonija mobbli, diġà akkwistati għal xi wħud minnhom, iżda qabel il-bidu ta' dan il-perjodu l-ġdid, il-ħlas ta' tariffa unika għa[t-]tiġdid [tad-drittijiet ta' ] użu tal-frekwenzi [li kellhom] għad-dispożizzjoni tagħhom [qabel] dan il-perijodu ġdid, intiż biex jiffavorixxi l-aħjar użu ta' frekwenzi [billi jirrifletti l-valur] tagħhom, u li tkun komplementari, [kemm] għal tariffa [annwali għat-]tqegħid għad-dispożizzjoni tal-frekwenzi (intiża qabel kollox biex tkopri l-ispejjeż tat-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-frekwenzi filwaqt li [tirrifletti ]parzjalment [il-valur tagħhom] ukoll, [meta ]ż-żewġ tariffi għandhom l-għan li jippromwovu l-aħjar użu tal-frekwenzi), u [kif ukoll] tariffa annwali [għall-]ġestjoni tal-awtorizzazzjonijiet [biex jiġu ] implimenta[ti] u j[it]ħaddmu network[s] tat-telefonija mobbli, maħruġa taħt il-qafas legali preċedenti?

4. L-Artikolu 14(1) tad-Direttiva [ta' A]wtorizzazzjoni jawtorizza [lil] Stat Membru jżid, bħala kundizzjoni għall-ksiba u t-tiġdid tad-drittijiet għall-użu ta' frekwenzi, tariffa unika stabbilita bl-irkant u mingħajr limitu, u li tkun komplementari [kemm għal] tariffa [annwali għat-]tqegħid għad-dispożizzjoni tal-frekwenzi (intiża qabel kollox biex tkopri l-ispejjeż tat-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-frekwenzi filwaqt li [tirrifletti] parzjalment [il-valur tagħhom] ukoll, [meta] ż-żewġ tariffi għandhom l-għan li jippromwovu l-aħjar użu tal-frekwenzi), u [kif ukoll] tariffa annwali [għall-]ġestjoni tal-awtorizzazzjonijiet [biex jiġu ]implimenta[ti] u j[it]ħaddmu network[s] tat-telefonija mobbli, maħruġa taħt il-qafas legali preċedenti?"

## Fuq id-domandi preliminari

### *Fuq l-ewwel żewġ domandi*

Fuq l-ammissibbiltà

29 Il-Gvern Ċiprijott iqajjem il-kwistjoni tal-ammissibbiltà tat-tieni domanda preliminari u jsostni li risposta għal din id-domanda ma hijiex oġġettivament neċessarja sabiex tinstab soluzzjoni għat-tilwima fil-kawża prinċipali. Fil-fatt, it-tieni domanda tikkonċerna l-għoti ta' drittijiet ġodda ta' użu ta' frekwenzi tar-radju meta mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li t-tilwima tikkonċerna t-tiġdid ta' drittijiet ta' użu ta' frekwenzi tar-radju.

30 F'dan id-dawl, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, id-domandi dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni magħmula mill-qorti nazzjonali fil-kuntest leġiżlattiv u fattwali ddefinit minnha u taħt ir-responsabbiltà tagħha, kuntest li ma huwiex il-kompitu tal-Qorti tal-Ġustizzja li tevalwa l-eżattezza tiegħu, jibbenefikaw minn preżunzjoni ta' rilevanza. Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tirrifjuta li tiddeċiedi dwar domanda magħmula minn qorti nazzjonali biss meta jkun jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni mitluba tad-dritt tal-Unjoni ma jkollha ebda konnessjoni mar-realtà jew mas-suġġett tat-tilwima fil-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew inkella meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex il-punti ta' fatt u ta' liġi meħtieġa sabiex tirrispondi b'mod utli għad-domandi li jkunu sarulha (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-12 ta' Lulju 2012, VALE Építési, C-378/10, punt 18 u l-ġurisprudenza ċċitata).

31 F'dan il-każ, it-tieni domanda preliminari tikkonċerna l-interpretazzjoni tad-Direttiva ta' Awtorizzazzjoni fir-rigward tal-possibbiltà għall-Istati Membri li jimponu tariffa unika fuq l-operaturi tat-telefonija mobbli li jkunu applikaw sabiex jiksbu drittijiet ġodda ta' użu ta' frekwenzi tar-radju. Issa, mill-proċess jirriżulta li l-Artikoli 2 u 3 tal-Liġi tal-15 ta' Marzu 2010, li huma s-suġġett tar-rikorsi għal annullament fil-kawża prinċipali, jipprevedu tariffa unika mhux biss fir-rigward tat-tiġdid tad-drittijiet ta' użu tal-frekwenzi tar-radju iżda wkoll fir-rigward tal-kisbiet ġodda ta' drittijiet ta' użu ta' frekwenzi tar-radju.

32 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-interpretazzjoni mitluba ma tistax titqies li ma għandhiex konnessjoni mar-realtà jew mas-suġġett tat-tilwima fil-kawża prinċipali. Għaldaqstant, it-tieni domanda preliminari għandha titqies li hija ammissibbli.

Fuq il-mertu

33 Permezz tal-ewwel żewġ domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikoli 3, 12 u 13 tad-Direttiva ta' Awtorizzazzjoni għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu li Stat Membru jimponi fuq l-operaturi tat-telefonija mobbli li jkollhom drittijiet ta' użu ta' frekwenzi tar-radju tariffa unika li tkun dovuta kemm fir-rigward ta' kisba ġdida ta' drittijiet ta' użu ta' frekwenzi tar-radju u kif ukoll fir-rigward tat-tiġdid ta' dawn id-drittijiet u li tkun supplimentari mhux biss għal tariffa annwali għat-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-frekwenzi, li tkun intiża prinċipalment sabiex tkopri l-ispejjeż marbuta mat-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-frekwenzi filwaqt li tirrifletti parzjalment il-valur tagħhom, fejn dawn iż-żewġ tariffi huma mmotivati mill-għan li jiġi ffavorit l-aħjar użu possibbli minn dawn il-frekwenzi tar-radju, li huma riżorsi skarsi, iżda tkun supplimentari wkoll għal tariffa li tkopri l-ispejjeż tal-amministrazzjoni tal-awtorizzazzjoni.

34 Il-qorti tar-rinviju tistaqsi wkoll dwar il-konformità, ma' dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva ta' Awtorizzazzjoni, tal-modalitajiet għall-iffissar tal-ammont tat-tariffa unika fir-rigward tad-drittijiet ta' użu ta' frekwenzi tar-radju, li jiġi ddeterminat jew b'riferiment għal dik li kienet it-tariffa unika inizjali, ikkalkolata fuq il-bażi tan-numru ta' frekwenzi u ta' xhur koperti mid-drittijiet ta' użu, jew permezz ta' rkant għall-attribuzzjoni tal-frekwenzi.

35 Preliminarjament, għandu jiġi kkonstatat li l-Artikoli 3 u 12 ta' din id-direttiva, li jikkonċernaw rispettivament l-obbligu tal-Istati Membri li jiggarantixxu l-libertà li jiġu pprovduti networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u l-modalitajiet għall-impożizzjonijiet ta' "ħlasijiet amministrattivi", ma humiex intiżi li japplikaw għal tariffa bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li ma taqa' f'ebda waħda minn dawn iż-żewġ sitwazzjonijiet.

36 Kif jirriżulta mill-ewwel żewġ domandi, il-qorti tar-rinviju qiegħda titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta d-Direttiva ta' Awtorizzazzjoni fir-rigward, minn naħa, tal-possibbiltà għal Stat Membru li jimponi tariffa unika fuq l-operaturi tat-telefonija mobbli u, min-naħa l-oħra, tal-modalitajiet għall-iffissar tal-ammont tat-tariffa unika, kemm fir-rigward tal-attribuzzjoni u kif ukoll fir-rigward tat-tiġdid tad-drittijiet ta' użu ta' frekwenzi tar-radju.

37 Fir-rigward tal-impożizzjoni ta' tariffa unika, għandu jiġi kkonstatat, preliminarjament, li d-Direttiva ta' Awtorizzazzjoni tikkonċerna biss il-proċedura għall-attribuzzjoni ta' drittijiet ta' użu ta' frekwenzi tar-radju u ma fiha ebda dispożizzjoni speċjali li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet tal-proċedura għat-tiġdid tad-drittijiet ta' użu ta' frekwenzi tar-radju li jkunu diġà ġew attribwiti.

38 Madankollu, kif josserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 40 tal-konklużjonijiet tiegħu, peress li d-drittijiet ta' użu individwali jingħataw minn Stat Membru għal perijodu limitat, it-tiġdid ta' tali awtorizzazzjoni għandu jitqies bħala l-għoti ta' drittijiet ġodda għal perijodu ġdid.

39 Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li, skont id-Direttiva ta' Awtorizzazzjoni, il-proċedura għall-attribuzzjoni ta' drittijiet ta' użu ta' frekwenzi tar-radju u l-proċedura għat-tiġdid ta' dawn id-drittijiet għandhom ikunu suġġetti għall-istess regoli. Għaldaqstant, l-Artikolu 13 tad-Direttiva ta' Awtorizzazzjoni għandu jiġi applikat bl-istess mod għaż-żewġ proċeduri.

40 F'dan id-dawl, għandu jiġi enfasizzat li minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li, fil-kuntest tad-Direttiva ta' Awtorizzazzjoni, l-Istati Membri ma jistgħux jiġbru ħlasijiet jew tariffi oħra fir-rigward tal-provvista ta' networks u ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi għajr dawk previsti minn din id-direttiva (ara, b'analoġija, is-sentenzi tat-18 ta' Lulju 2006, Nuova società di telecomunicazioni, C-339/04, Ġabra p. I-6917, punt 35; tal-10 ta' Marzu 2011, Telefónica Móviles España, C-85/10, Ġabra p. I-1575, punt 21, kif ukoll tat-12 ta' Lulju 2012, Vodafone España u France Telecom España, C-55/11, C-57/11 u C-58/11, punt 28).

41 Fil-kawża prinċipali, kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, il-qorti nazzjonali tixtieq essenzjalment tkun taf jekk l-Artikolu 13 tad-Direttiva ta' Awtorizzazzjoni għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li Stat Membru jissuġġetta lil operaturi għal tariffa unika fir-rigward tad-"drittijiet ta' użu għall-frekwenzi tar-radju" bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali meta dawn l-operaturi jkunu diġà suġġetti, minn naħa, għal tariffa annwali għat-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' frekwenzi u, min-naħa l-oħra, għal tariffa li tkopri l-ispejjeż tal-amministrazzjoni tal-awtorizzazzjoni.

42 F'dan id-dawl, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva ta' Awtorizzazzjoni, l-Istati Membri jistgħu, fit-tariffi tagħhom intiżi sabiex ikopru l-ispejjeż amministrattivi, jissuġġettaw id-drittijiet ta' użu ta' frekwenzi tar-radju għal tariffa li l-għan tagħha jkun li jiġi żgurat l-aħjar użu possibbli ta' din ir-riżorsa (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-20 ta' Ottubru 2005, ISIS Multimedia Net u Firma O2, C-327/03 u C-328/03, Ġabra p. I-8877, punt 33, kif ukoll Telefónica Móviles España, iċċitata iktar 'il fuq, punt 24).

43 Issa, l-Artikolu 13 tad-Direttiva ta' Awtorizzazzjoni ma jiddeterminax b'mod espliċitu l-forma li għandha tieħu tali tariffa imposta għall-użu ta' frekwenzi tar-radju u lanqas ma jiddetermina l-frekwenza li biha tiġi imposta.

44 Għall-kuntrarju, mill-premessa 32 tad-Direttiva ta' Awtorizzazzjoni jirriżulta li t-tariffi għall-użu ta' frekwenzi tar-radju jistgħu jikkonsistu f'ammont uniku jew f'ammont perijodiku.

45 Barra minn hekk, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li d-Direttiva ta' Awtorizzazzjoni ma tispeċifikax l-għan li għalih għandhom jiġu imposti tali tariffi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Telefónica Móviles España, iċċitata iktar 'il fuq, punt 33).

46 Madankollu, l-Artikolu 13 ta' din id-direttiva jeżiġi li l-Istati Membri jiżguraw li t-tariffi għall-użu ta' frekwenzi tar-radju jkunu oġġettivament iġġustifikati, trasparenti, mhux diskriminatorji u proporzjonati fir-rigward tal-użu li għalih ikunu maħsuba u għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni l-għanijiet, fost oħrajn l-għan tal-promozzjoni tal-kompetizzjoni u tal-użu effikaċi tal-frekwenzi tar-radju, stabbiliti fl-Artikolu 8 tad-Direttiva Qafas.

47 Mill-imsemmi Artikolu 13 u mill-premessa 32 tad-Direttiva ta' Awtorizzazzjoni jirriżulta wkoll li tariffa imposta fuq l-operaturi ta' servizzi ta' telekomunikazzjonijiet għall-użu ta' riżorsi għandha ssegwi l-għan li jiġi żgurat l-aħjar użu possibbli ta' dawn ir-riżorsi u ma għandhiex tostakola l-iżvilupp ta' servizzi ġodda u tal-kompetizzjoni fis-suq.

48 Għaldaqstant, l-Artikoli 12 u 13 tad-Direttiva ta' Awtorizzazzjoni ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprevedi l-impożizzjoni ta' tariffa maħsuba sabiex jiġi ffavorit l-aħjar użu possibbli tal-frekwenzi, u dan anki jekk tkun addizzjonali għal tariffa

annwali oħra li jkollha wkoll, parzjalment, l-istess għan, bil-kundizzjoni iżda li meta jitqiesu flimkien dawn it-tariffi jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti 46 u 47 ta' din is-sentenza, kundizzjoni li għandha tiġi vverifikata mill-qorti tar-rinviju.

49 Fir-rigward tal-modalitajiet għall-iffissar tal-ammont ta' tariffa unika għad-drittijiet ta' użu ta' frekwenzi tar-radju bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għandu jiġi osservat li d-Direttiva ta' Awtorizzazzjoni tistabbilixxi r-rekwiżiti li għandhom josservaw l-Istati Membri meta jiddeterminaw l-ammont ta' tariffa għall-użu ta' frekwenzi tar-radju, mingħajr madankollu ma tispeċifika metodu partikolari għad-determinazzjoni tal-ammont ta' tali tariffa (sentenza Telefónica Móviles España, iċċitata iktar 'il fuq, punt 25).

50 F'dan id-dawl, għandu jitfakkar li l-awtorizzazzjoni għall-użu ta' proprjetà pubblika li tikkostitwixxi riżorsa skarsa tippermetti lid-detentur tagħha jwettaq profitti ekonomiċi kunsiderevoli u tagħtih vantaġġi meta mqabbel ma' operaturi oħra li wkoll ikunu jixtiequ jużaw u jisfruttaw din ir-riżorsa, u dan jiġġustifika l-impożizzjoni ta' tariffa li tirrifletti b'mod partikolari l-valur tal-użu tar-riżorsa skarsa inkwistjoni (sentenza Telefónica Móviles España, iċċitata iktar 'il fuq, punt 27).

51 F'dawn il-kundizzjonijiet, l-għan li jiġi żgurat li l-operaturi jużaw bl-aħjar mod possibbli r-riżorsi skarsi li għalihom ikollhom aċċess jimplika li l-ammont ta' din it-tariffa għandu jiġi ffissat f'livell adegwat li jirrifletti b'mod partikolari l-valur tal-użu ta' dawn ir-riżorsi, u dan jeżiġi li tittieħed inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni ekonomika u teknoloġika tas-suq ikkonċernat (sentenza Telefónica Móviles España, iċċitata iktar 'il fuq, punt 28).

52 Minn dan isegwi, kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punti 54 u 55 tal-konklużjonijiet tiegħu, li l-iffissar ta' tariffa għal drittijiet ta' użu ta' frekwenzi tar-radju b'riferiment jew għall-ammont ta' dik li kienet it-tariffa unika inizjali kkalkolata fuq il-bażi tan-numru ta' frekwenzi u ta' xhur koperti mid-drittijiet ta' użu ta' frekwenzi, jew għall-ammonti li jirriżultaw minn irkanti, jista' jikkostitwixxi metodu adegwat għad-determinazzjoni tal-valur ta' frekwenzi tar-radju.

53 Fil-fatt, fid-dawl tal-prinċipji użati mir-Renju tal-Belġju fl-iffissar tal-ammont ta' dik li kienet it-tariffa unika inizjali, jidher li ż-żewġ metodi msemmija jippermettu li jinkisbu ammonti li jkollhom konnessjoni mal-profittabbiltà prevedibbli tal-frekwenzi tar-radju kkonċernati. Issa, id-Direttiva ta' Awtorizzazzjoni ma tipprekludix l-użu ta' tali kriterju għall-iffissar tal-ammont tat-tariffi msemmija iktar 'il fuq.

54 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, ir-risposta li għandha tingħata għall-ewwel żewġ domandi hija li l-Artikoli 12 u 13 tad-Direttiva ta' Awtorizzazzjoni għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux li Stat Membru jimponi fuq l-operaturi tat-telefonija mobbli li jkollhom drittijiet ta' użu ta' frekwenzi tar-radju tariffa unika, li tkun dovuta kemm fir-rigward ta' kisba ġdida ta' drittijiet ta' użu ta' frekwenzi tar-radju u kif ukoll fir-rigward tat-tiġdid ta' tali drittijiet u li tkun addizzjonali kemm għal tariffa annwali għat-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' frekwenzi, li tiffavorixxi l-aħjar użu possibbli tar-riżorsi, u kif ukoll għal tariffa li tkopri l-ispejjeż tal-amministrazzjoni tal-awtorizzazzjoni, bil-kundizzjoni li dawn it-tariffi jkunu verament intiżi li jiġi żgurat l-aħjar użu possibbli tar-riżorsa li jikkostitwixxu dawn il-frekwenzi tar-radju, ikunu oġġettivament iġġustifikati, trasparenti, mhux diskriminatorji u proporzjonati fid-dawl tal-użu li għalih ikunu maħsuba u jieħdu inkunsiderazzjoni l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 8 tad-Direttiva Qafas, kundizzjoni li għandha tiġi vverifikata mill-qorti tar-rinviju.

55 Taħt l-istess kundizzjoni, l-iffissar tal-ammont ta' tariffa unika għad-drittijiet ta' użu ta' frekwenzi tar-radju b'riferiment jew għall-ammont ta' dik li kienet it-tariffa unika inizjali kkalkolata fuq il-bażi tan-numru ta' frekwenzi u ta' xhur koperti mid-drittijiet ta' użu ta' frekwenzi, jew għall-ammonti li jirriżultaw minn irkanti, jista' jikkostitwixxi metodu adegwat għad-determinazzjoni tal-valur ta' frekwenzi tar-radju.

*Fuq ir-raba' domanda*

56 Permezz tar-raba' domanda tagħha, li għandha tingħata risposta qabel it-tielet domanda, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva ta' Awtorizzazzjoni għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li Stat Membru jimponi fuq operatur tat-telefonija mobbli tariffa bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

57 Għandu jiġi osservat li l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva ta' Awtorizzazzjoni jipprovdi li Stat Membru jista' jibdel id-drittijiet, il-kundizzjonijiet u l-proċeduri applikabbli għad-drittijiet ta' użu ta' frekwenzi tar-radju f'każijiet oġġettivament iġġustifikati u b'mod li l-portata ta' dawn il-bidliet tkun waħda raġonevoli. Barra minn hekk, dan l-artikolu jipprovdi li l-intenzjoni li jsiru tali bidliet għandha tiġi ddikjarata b'mod adegwat u li l-partijiet ikkonċernati għandhom ikunu jistgħu jingħataw terminu suffiċjenti, li jkun minn tal-inqas ta' erba' ġimgħat, sabiex jesprimu l-opinjoni tagħhom.

58 Barra minn hekk, mill-punt 6 tal-Parti B tal-Anness tad-Direttiva ta' Awtorizzazzjoni jirriżulta li l-impożizzjoni ta' tariffi għad-drittijiet ta' użu ta' frekwenzi tar-radju, skont l-Artikolu 13 ta' din id-direttiva, hija waħda mill-kundizzjonijiet li jistgħu jkunu marbuta mad-drittijiet ta' użu ta' frekwenzi tar-radju.

59 Minn dan isegwi li l-impożizzjoni ta' tariffa unika bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali tikkostitwixxi bidla fil-kundizzjonijiet applikabbli għall-operaturi li jkollhom drittijiet ta' użu ta' frekwenzi tar-radju. Għaldaqstant, Stat Membru huwa meħtieġ jiżgura li jiġu osservati l-kundizzjonijiet stabbiliti fir-rigward tal-bidla fir-regoli dwar it-tariffi imposti fuq l-operaturi tat-telefonija mobbli fir-rigward tad-drittijiet ta' użu tal-frekwenzi tar-radju.

60 Għaldaqstant, għandu jiġi osservat li Stat Membru li jkun jixtieq jibdel it-tariffi applikabbli għad-drittijiet ta' użu tal-frekwenzi tar-radju li jkunu diġà ngħataw għandu jiżgura li din il-bidla tkun konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva ta' Awtorizzazzjoni, jiġifieri li din il-bidla tkun oġġettivament iġġustifikata, titwettaq b'mod li l-portata ta' din il-bidla tkun waħda raġonevoli, u li l-partijiet ikkonċernati jiġu informati minn qabel dwar din il-bidla sabiex ikunu jistgħu jesprimu l-opinjoni tagħhom. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk, fid-dawl taċ-ċirkustanzi tat-tilwima fil-kawża prinċipali, il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikoli 14(1) tad-Direttiva ta' Awtorizzazzjoni ġewx osservati.

61 F'dan il-kuntest, għandu jiġi enfasizzat li l-introduzzjoni ta' tariffa konformi mal-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 13 tad-Direttiva ta' Awtorizzazzjoni, bħal dawk imsemmija fil-punti 46 u 47 ta' din is-sentenza, għandha titqies li hija oġġettivament iġġustifikata u li hija mwettqa b'portata raġonevoli.

62 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għar-raba' domanda hija li l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva ta' Awtorizzazzjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix li Stat Membru jimponi fuq operatur tat-telefonija mobbli tariffa bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, bil-kundizzjoni li din il-bidla tkun oġġettivament iġġustifikata, titwettaq b'mod li l-portata ta' din il-bidla tkun waħda raġonevoli, u li l-partijiet ikkonċernati jiġu informati minn qabel dwar din il-bidla sabiex ikunu jistgħu jesprimu l-opinjoni tagħhom, kundizzjoni li għandha tiġi vverifikata mill-qorti tar-rinviju fid-dawl taċ-ċirkustanzi tat-tilwima inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

*Fuq it-tielet domanda*

63 Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 14(2) tad-Direttiva ta' Awtorizzazzjoni għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li Stat Membru jimponi fuq operatur tat-telefonija mobbli tariffa bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

64 Għandu jiġi osservat li, skont l-Artikolu 14(2) tad-Direttiva ta' Awtorizzazzjoni, Stat Membru la jista' jillimita u lanqas ma jista' jirtira drittijiet ta' użu ta' frekwenzi tar-radju, ħlief f'każijiet iġġustifikati u, jekk ikun il-każ, inkonformità mal-Anness tad-Direttiva ta' Awtorizzazzjoni u mad-dispożizzjonijiet nazzjonali applikabbli fil-qasam tal-kumpens għall-irtirar ta' drittijiet.

65 F'dan id-dawl, għandu jiġi kkonstatat li, fl-Artikolu 14(2) tad-Direttiva ta' Awtorizzazzjoni, b'differenza mill-Artikolu 14(1) tal-istess direttiva, il-kunċetti ta' "jillimitaw" u ta' "jirtiraw" drittijiet ta' użu ta' frekwenzi tar-radju jikkonċernaw biss il-każijiet fejn il-kontenut u l-portata ta' dawn id-drittijiet ikunu jistgħu jinbidlu.

66 Anki jekk jitqies li, minħabba t-terminu għat-traspożizzjoni tagħha, id-Direttiva ta' Awtorizzazzjoni kienet applikabbli għall-fatti fil-kawża prinċipali, fi kwalunkwe każ l-impożizzjoni fuq l-operaturi tat-telefonija mobbli ta' tariffi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma hijiex ta' natura li tinfluwenza l-kontenut u l-portata tad-drittijiet ta' użu tal-frekwenzi tar-radju mogħtija lill-operaturi kkonċernati. Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li l-bidla fir-regoli dwar it-tariffi ma tikkostitwixxix restrizzjoni jew irtirar tad-drittijiet ta' użu ta' frekwenzi tar-radju fis-sens tal-Artikolu 14(2) tad-Direttiva ta' Awtorizzazzjoni.

67 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għat-tielet domanda hija li l-Artikolu 14(2) tad-Direttiva ta' Awtorizzazzjoni għandu jiġi intepretat fis-sens li ma jipprekludix li Stat Membru jimponi fuq operatur tat-telefonija mobbli tariffa bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

**Fuq l-ispejjeż**

68 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikoli 12 u 13 tad-Direttiva 2002/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Marzu 2002, dwar l-awtorizzazzjoni ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jippreludux li Stat Membru jimponi fuq l-operaturi tat-telefonija mobbli li jkollhom drittijiet ta' użu ta' frekwenzi tar-radju tariffa unika, li tkun dovuta kemm fir-rigward ta' kisba ġdida ta' drittijiet ta' użu ta' frekwenzi tar-radju u kif ukoll fir-rigward tat-tiġdid ta' tali drittijiet u li tkun addizzjonali kemm għal tariffa annwali għat-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' frekwenzi, li tiffavorixxi l-aħjar użu possibbli tar-riżorsi, u kif ukoll għal tariffa li tkopri l-ispejjeż tal-amministrazzjoni tal-awtorizzazzjoni, bil-kundizzjoni li dawn it-tariffi jkunu verament intiżi li jiġi żgurat l-aħjar użu possibbli tar-riżorsa li jikkostitwixxu dawn il-frekwenzi tar-radju, ikunu oġġettivament ġustifikati, trasparenti, mhux diskriminatorji u proporzjonati fid-dawl tal-użu li għalih ikunu maħsuba u jieħdu inkunsiderazzjoni l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2002/21 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Marzu 2002, dwar kwadru [qafas] regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Kwadru [Qafas]), kundizzjoni li għandha tiġi vverifikata mill-qorti tar-rinviju.**

**Taħt l-istess kundizzjoni, l-iffissar tal-ammont ta' tariffa unika għad-drittijiet ta' użu ta' frekwenzi tar-radju b'riferiment jew għall-ammont ta' dik li kienet it-tariffa unika inizjali kkalkolata fuq il-bażi tan-numru ta' frekwenzi u ta' xhur koperti mid-drittijiet ta' użu ta' frekwenzi, jew għall-ammonti li jirriżultaw minn irkanti, jista' jikkostitwixxi metodu adegwat għad-determinazzjoni tal-valur ta' frekwenzi tar-radju.**

2) **L-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2002/20 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix li Stat Membru jimponi fuq operatur tat-telefonija mobbli tariffa bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, bil-kundizzjoni li din il-bidla tkun oġġettivament iġġustifikata, titwettaq b'mod li l-portata ta' din il-bidla tkun waħda raġonevoli, u li l-partijiet ikkonċernati jiġu informati minn qabel dwar din il-bidla sabiex ikunu jistgħu jesprimu l-opinjoni tagħhom, kundizzjoni li għandha tiġi vverifikata mill-qorti tar-rinviju fid-dawl tal-ċirkustanzi tat-tilwima inkwistjoni fil-kawża prinċipali.**

3) **L-Artikolu 14(2) tad-Direttiva 2002/20 għandu jiġi intepretat fis-sens li ma jipprekludix li Stat Membru jimponi fuq operatur tat-telefonija mobbli tariffa bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.**

Firem